# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 941

KAZ NRU. 1063

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Elizabeth Agius Fenech

u

Kosmipharma Imports Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 6 ta' Mejju, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

Din il-kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 8 ta' Awissu, 1996 Ref. ME 4/95/171/III biex tigi processata skond Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti.

L-appellanta kienet assistita minn Dr. Andrew Borg Cardona u ghall-kumpanija deher is-sur Anthony Pisani assistit mill-avukata Nives Grixti.

Dokumenti Prezentati :

Mill-appellanta :- Statement of Case mhux datat

risposta ta' l-appellanta ghal nota ta' l-appellati.

Mill-kumpanija :- Statement of Case datat 23 ta' Settembru, 1996

Dok ABC I kopja ta' fax datata 3.2.95 minghand Kosmipharma Imports Ltd lil Mrs. E. Agius Fenech

Dok ABC II risposta ta' Mrs. E. Agius Fenech lill-kumpanija datata 11.2.95

Dok AP I payslip

Nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta' appellata.

**XHIEDA**

L-appellanta Mrs. Elizabeth Agius Fenech
Anthony Borg Cardona
Anthony Pisani
Dione Caruana
Francis Cassar
Donald Spiteri
Paul Micallef

**Sottomissjonijiet**

L-appellanta fl-istatment of case tghid li kienet impjegata mis-26 ta' Ottubru, 1993 sa l-20 ta' Mejju, 1996 bhala *credit controller* fuq bazi *part-time* u li tkecciet fuq bazi ta' *redundancy* li skond l-appellanta hija fittizja ghaliex immedjatament wara li tkeccija kien ingieb reklam biex jimtela' l-post taghha.

It-tkeccija hija wkoll ikkontestata ghal raguni li l-employer kien informa lill-appellanta li jekk taqta' lsienha, tkun aktar produttiva u tmur ahjar man-nies, kien lest jehodha lura.

Minn naha tal-kumpanija gie dikjarat li l-appellanta kienet impjegata bhala *credit controller/debt controller* u li xoghol l-appellanta jinvolvi biss il-gbir tal-flus dovut lill-kumpanija mill-klijenti debituri.

Il-kumpanija osservat li l-appellanta kienet qed tigbor dawk il-flus li debituri tal-kumpanija kienu jhallsu fuq bazi regolari u minghajr diffikulta'. Hija evitat li taghmel xoghlha dwar dejn iehor indikat mill-kumpanija u li kien ta' natura anqas facli.

Il-kumpanija tallega li wissiet f'diversi okkazzjonijiet ghal dan l-agir. L-incident li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg kien meta l-appellanta giet mitluba taghti spjegazzjoni ghal dan l-agir taghha, jigifieri li tinjora l-istruzzjonijiet tal-kumpanija biex tigbor id-dejn tal-klijenti kollha.

Fl-ahhar l-impjieg gie terminat fuq talba taghha.

Il-kaz l-aktar li gie msemmi kien il-hlas tardiv mill-Medical Stores ghall-ammont ta' aktar minn Lm15,000. Issemmiet wkoll il-kwistjoni tal-*petrol allowance* li giet imnaqqsa permezz ta' ittra datata t-3 ta' Frar, 1996 u l-atteggjament ta' l-appellanta versu il-klijenti u l-impjegati tal-kumpanija li kienet taghdem maghhom.

Ix-xhieda tal-Mag. Giovanni Grixti, li kien l-avukat tal-kumpanija qabel ma ha l-kariga ta' Magistrat, spjega d-diffikultajiet li tfacca maghhom fid-diskussjonijiet mar-rapprezentant tal-*Attorney General* biex wiehed jasal ghal forma ta' kompromess biex il-pagament ikun jista' jsir.

Ix-xhieda ta' Dione Caruana u ta' Francis Cassar kienu ikkoncentrati fuq ir-rwol ta' *debt collector* ta' Elizabeth Agius Fenech u tgergir u *complaints* minn klijenti tal-kumpanija ghal mod kif gie allegat li trattathom l-appellanta.

Ix-xhieda tas-sur Anthony Pisani tikkonferma li l-appellanta kienet tithallas bis-siegha kellha *petrol allowance* u *commission* fuq il-flus li kienet tigbor u bonus.

Jirrizulta li s-sur Pisani kien tkellem ma' l-appellanta biex tirranga l-attitudini taghha versu l-impjegati tal-kumpanija u biex taghmel xoghlha biex il-flus mit-Tezor jithallsu.

Fil-fatt waqt ix-xhieda tieghu hu qal : "Li l-aghar incident li kellu kien meta l-appellanta spiccat minn mal-kumpanija. Il-kaz kien partikolarment dwar it-Tezor u staqsejtha x'sar minnu, x'qeghda taghmel biex tigbor, tiffolowja l-pagament u ma bdietx tirrispondini car u tond. Ghidtilha "Elizabeth ma jistax ikun inkomplu sejrin hekk, jekk int mhux ser taghmel xogholok, jiena m'ghandix bzonnok hawnhekk.""

Qaltli : "Isma jiena mil-bieb 'il barra naghmel li rrid, jekk inti mhux kuntent bix-xoghol tieghi, ghathieli bil-miktub.

Dak il-hin kien l-ufficcju fejn konna fl-Accounts fejn tkun ma' ohrajn. Qaltli b'certa mod illi kwazi iccalengjatni din biex naghtiha r-rizenja jew le, u tajthiela bil-miktub."

## Osservazzjonijiet

Jidher li f'dan il-kaz li x-xoghol ta' *debt collector* dam sejjer ghal madwar sentejn u seba' xhur u li l-inkwiet ta' certu atteggjament minn naha tal-appellanta beda jigi innotat wara xi sena u nofs mill-bidu ta' l-impjieg.

Gie msemmi li kemm il-darba l-appellanta giet mitluba biex tirranga l-atteggjament taghha. Issemma wkoll li numru ta' klijenti kienu urtati mill-appellanta. Pero' mix-xhieda tal-kumpanija ma ssemma ebda klijent hlief mis-sur Caruana.

Issemmiet ukoll il-kaz tat-tnaqqis tal-*petrol allowance* u r-reazzjoni ta' l-istess appellanta.

## Konkluzzjonijiet

Huwa fatt li x-xoghol ta' *debt collector* mhux ser jattira xi kumplimenti minn min ghandu jaghti. L-appellanta ghamlet dan ix-xoghol b'certu zelu u jidher li l-mod aggressiv u deciz taghha setghet urtat xi individwi. Il-kumpanija permezz ta' l-ufficcjali taghha ma sostanzjatx b'mod konvincenti li l-

attitudni ta' l-appellanta kienu detrimentali kemm ghall-kumpanija u ghal klijenti taghha. Li l-kumpanija oggezzjonat ghal identita' tal-klijenti li ghamlu l-*complaints* idaghjjef il-kaz tal-kumpanija.

Fil-kwistjoni tal-*petrol allowance*, il-kumpanija ghandha d-dritt li tbiddel l-ammont ta' l-*allowance* skond il-bzonnijiet ta' l-istess kumpanija. Ghaldaqstant l-oggezzjoni u r-reazzjoni ta' l-appellanta ma titqiesx gustifikata. Minn naha l-ohra il-mod kif l-impjieg ta' l-appellanta gie terminat jindika li sar f'mument ta' sahna u pika.

Huwa minnu li r-relazzjonijiet ta' l-appellanta ma' l-impjegati tal-kumpanija ma kienux *friendly*. Ma nistax nghid kif ir-relazzjonijiet taghha mal-klijenti kienu, ghaliex it-Tribunal ma kellux l-opportunita' li jikkonferma min naha tal-klijenti. Il-*pressure* li kien hemm fuq l-appellanta biex il-kont ta' Lm15,000 mit-Tezor jithallas ma kienx korrett wara li rrizulta li dan il-kaz kien ikkomplikat. Jidher pero' li l-pagament eventwalment sar wara intervent ta' Dr. G. Grixti.

Madankollu t-Tribunal huwa sodisfatt li l-appellanta wkoll ghamlet xogholha biex tara f'liema stadju il-proceduri waslu.

Minn dak li deher quddiem it-Tribunal jidher li ma kienx hemm "good feeling" bejn l-appellanta u l-kumpanija. L-appellanta ma ghenitx bl-imgieba taghha u kultant qabzet il-limiti.

Madankollu il-mod u c-cirkostanzi kif inghatat bil-miktub it-tkeccija skond it-Tribunal kienet wahda mghaggla.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li tkeccija ma saritx b'mod gust.

It-Tribunal ma jqiesx bhala rimedju *re-instatement* u jordna li jsir hlas mill-kumpanija lill-appellanta ta' Lm570 (hames mija u sebghin lira maltin) li jithallas fi zmien hmistax-il gurnata.

Ghat-termini tal-Avviz Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jintaxxa d-drittijiet tal-konsulenti rispettivi tal-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

-------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Emma Muscat**
**A/Segretarja**

mrg